**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/20**
**Data:** It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020
**Ħin:** 17:45hrs
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (mis-6:38pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Mis-6:47pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Assenti**
Amanda Abela

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **07.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **07.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **07.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **07.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **07.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **07.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **07.07** | **Xogħlijiet;** |
| **07.08** | **Tenders;** |
| **07.09** | **Miżura 4.4;** |
| **07.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **07.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **07.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**07. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |

**07. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 06/20 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 07. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2 1 | 06.05.01 | Chircop: *Mobile App* | Chircop qal li l-mobile app qed isir ix-xogħol fuqha, qedha fil-fażi ta' ittestjar u dalwaqt tibda timtela' bl-infomazzjoni qabel tiġi mnhedija għar-residenti. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 2 | 06.06.01 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li s-serata ta' Ġieh iż-Żejtun saret b'suċċess u kien hemm attendenza tajba ħafna bil-preżenza tal-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Owen Bonnici.<br><br>Il-premijiet tal-Konkors Letterarju intrebħu kif ġej:<br>Djalett: L-ewwel post Fiona Vella<br><br>Tfal: L-ewwel post Julia Galea<br><br>Poezija: L-ewwel post Catherine Attard<br><br>Rakkont: L-ewwel post Chris Azzopardi | Chircop |
| 07. | 2 | 3 | | Chircop: *E.D.E.N Award* | Chircop qal li peress li tħassret is-serata li kellha ssir fi Brussell, il-premju ser jintbgħat bil-posta. | Chircop |
| 07. | 2 | 4 | 06.06.02 | Chircop: Plakka man-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li għandha tinstab ġurnata sabiex issir l-inawgurazzjoni u titwaħħal il-plakka tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li peress li l-plakka ser issir tal-irħam, qed nistennew biex naraw meta ser tkun lesta biex niffisaw data. | Chircop |
| 07. | 2 | 5 | 06.03.05 | Baldacchino: Kaxxi riservati | Baldacchino qal li dawk il-kaxxi għall-Persuni b'Diżabilita' li m'għadhomx jintużaw tneħħew. | Baldacchino |
| 07. | 2 | 6 | 06.04.02 | Baldacchino: Bankina | Baldacchino qal li l-bankina ġiet irranġata u qed isiru taħdidiet mal-M.T.A. dwar it-talba ta' Tico Tico Bar. Tkellmu ma' TM sabiex ituna gwida. | Baldacchino |
| 07. | 2 | 7 | 06.02.09 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li l-kuntrattur qed jieħu ħsieb jibdel iċ-ċnut ta' ġewwa u barra. Dalwaqt jinħareġ it-tender għall-bandli tat-tfal u apparat tal-logħob. | Sindku |
| 07. | 2 | 8 | 06.02.10 | Sindku: *Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li x-xogħol fuq il-Gazebo miexi , qed isir il-pavimentar tal-kubetti u kif jitlesta isir it-*turf* naturali u l-fanali. | Sindku |
| 07. | 2 | 9 | 06.02.15 | Sindku: Xogħljiet | Is-Sindku qalet li ingħata l-ewwel saff ta' asfalt ilbieraħ fi Triq Bugħarbiel u illum it-tieni saff sabiex hekk tkun lesta nofs it-triq. | Sindku |
| 07. | 2 | 10 | 06.03.01 | Sindku: Ġbir tal-Borża l-Ħadra | Is-Sindku qalet li għaddejjien diskussjonijiet bejn l-AKL u r-Reġjun dwar dan. Żiedet tgħid ukol li Il-GreenPak tagħtna garanzija li s-servizz ser jibqa' għaddej. | Sindku |
| 07. | 2 | 11 | 06.03.02 | Sindku: Spazji Pubbliċi | Is-Sindku qalet li fis-16 ta' Ġunju saret it-tnedija tal-Kampanja *Slow Streets* mill-AKL, IM u l-Ministeru. Fenech qalet li twaqqaf woking group sabiex nagħtu s-suġerimenti dwar dan. Fiha ntqal li l-AKL ser tingħat periti sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali iħejju pjanijiet li jkunu addottati għall-lokal tagħhom f'dan ir-rigward. | Sindku / Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 12 | 06.02.05 | Fenech: *Blood Donation Unit* | Fenech qalet li kien hemm 25 donatur li taw id-demm. Irringrazzjat lill-Għaqda Banda Żejtun li kull darba jipprovdu d-dawl lil dan il-Unit. Żiedet li għaddiet ukoll 71 applikazzjoni tad-donaturi tal-organi lit-*Transplant Support Group.* | Fenech |
| 07. | 2 | 13 | | Fenech: *Neutering* tal-annimali | Fenech qalet li reġgħu ħarġu l-applikazzjonijiet. | Fenech |
| 07. | 2 | 14 | | Fenech: Proġetti | Fenech qalet li ġew approvati tal-Erasmus, wieħed ġo Avola dwar il-kultivazzjoni taż-żebbuġ u ieħor dwar il-youth work fl-isfond tal-Kunsill Lokali ġewwa Sabbionetta, it-tnejn fl-Italja. | Fenech |
| 07. | 2 | 15 | | Fenech: Fondi għall-proġetti | Fenech qalet li attendiet għall-promozzjoni tal-proġetti tal-Muesac li saret mill-Ministeru tal-Onor. Carmelo Abela. | Fenech |
| 07. | 2 | 16 | 06.03.01 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' Boroż Ħodor | Il-Viċi-Sindku qalet li bdew jitqassmu l-boroż l-ħodor fir-residenzi. Dawk li ma jkunux id-dar jistgħu jiġbru dawn il-boroż mill-Kunsill mill-1 ta' Awwissu. | Viċi-Sindku |
| 07. | 2 | 17 | | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-weekend break sar u kien suċċess bejn is-27 u t-30 ta' Ġunju. | Viċi-Sindku |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | | Ittra bl-avukat mingħand resident fi Triq id-Dwiemes | Il-Kunsill irċieva din l-ittra sabiex jikkonsidra li l-linji kif saru jiġu rranġati peress li r-resident qed isib diffikulta' sabiex idaħħal id-dgħajsa fil-garaxx tiegħu. L-Uffiċjali ta' T.M. ser jiġu fuq il-post, jittieħdu l-qisien u tittieħed deċizzjoni dwar dak li l-liġi tippermetti għall-vettura bil-mutur. | |

**07. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 4 | 1 | | Camilleri: Vetturi tal-GO To | Camilleri staqsiet dwar il-problema ta' ipparkjar bl-addoċċ minn dawn il-vetturi. Is-Sindku qalet li ser terġa tintbgħat il-korrispondenza sabiex naraw x'jista' jsir. | Sindku |
| 07. | 4 | 2 | | Camilleri: Qasam Ħal Tmin | Camilleri qalet li hemm bżonn li ssir bozza fejn Blokk G Fl1 għax qed isiru abbużi mid-droga u qed jintefhu s-siringi fil-btieħi tar-residenzi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ser isir ukoll rapport lill-pulizija. | Sindku / Caruana Ray |
| 07. | 4 | 3 | | Camilleri: Talba għal-*One Way* | Camilleri resqet it-talba sabiex Triq l-Isqof Emm. Galea issir One Way lejn Triq il-Qadi. | Sindku |
| 07. | 4 | 4 | | Chircop: Arblu tad-dawl | Chircop qal li hemm arblu fi Triq id-Daħla ta' San Tumas sabiex jitressaq. | |

**07. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 5 | 1 | | Caruana Ray: *Speed hump* | Caruana talab li terġa ssir l-speed hump fi Triq E Attard Bezzina. Saret diskussjoni dwar dan u irridu naraw taffetwax meta tagħmel ix-xita. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 5 | 2 | | Caruana Ray: Triq Xrobb l-Għaġin | Caruana reġa staqsa fiex wasal ix-xogħol fuq din it-triq. Is-Sindku qalet li baghtet korrispondenza dwar dan. Ix-xogħol jidher li ser jieħu fit-tul. | Sindku |
| 7 | 5 | 3 | | Caruana Ray: Korrispondenza dwar linji quddiem ir-residenza tiegħu | Caruana talab li terġa tiġi verifikata l-korrispondenza li rċevejna dwar *double yellow lines.* | Sindku |
| 7 | 5 | 4 | | Camilleri: Librerija | Camilleri qalet li l-librerija reġat fetħet fl-1 ta' Lulju wara li saru l-miżuri meħtieġa. | Camilleri |
| 7 | 5 | 5 | | Camilleri: *Life Long Learning* | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet ser jiftħu bejn il-15 ta' Lulju u s-7 ta' Awwissu. | Camilleri |
| 7 | 5 | 6 | | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet sabiex jattendu studenti minn Year 1 sa Year 6 sa massimu ta' 30 student bil-lezzjonijiet tal-Malti, Ingliż u Matematika. Għall-din is-sena biss dawn ser isiru b'xejn. | Camilleri |
| 7 | 5 | 7 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop qal li r-restawr beda. | Chircop |
| 7 | 5 | 8 | | Chircop: Żvilupp fi Triq Lorenzo Gafa | Chircop qal li l-iżviluppatur irtira l-applikazzjoni għall-żvilupp li kien hemm il-ħsieb li jsir f'din it-triq. | Chircop |
| 7 | 5 | 9 | | Chircop: *Workbook* | Chircop qal li qed isir ix-xogħol fuq il-*workbook* li ser jitqassam lill-istudenti tal-Year 1 sa Year 6, dan wara li ġibna fondi mill-Ministeru tal-Onor. Owen Bonnici fejn irridngrazzjah ta' dan. | Chircop |
| **07.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 6. | 1 | | | Ma kinx hemm attivitajiet x'jissemew. | |
| **07.** | **7.** | | | ***Xogħlijiet;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 7 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li fi Ġnien il-Kmandant qed isir ir-restorazzjoni tal-ħitan mill-kuntrattur *Silvar Constructions Ltd.*<br><br>Dwar il-proġett tal-*Olive Twist* għandna l-pjanti sabiex jgħaddu għall-applikazzjoni. | Sindku |
| **07.** | **8.** | | | ***Tenders;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 8 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jinħarġu t-tenders għas-*soft surface* u l-*equipment* għall-Misraħ Mikiel Anton Vassalli. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Sindku | Is-Sindku qalet li ser isiru l-meetings mal-contracts manager u l-kuntratturi tal-knies u l-Ġonna | Sindku |
| **07.** | **9.** | | | **Miżura 4.4;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | Segretarju Eżekuttiv: Ħitan tas-sejjiegħ | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellna l-ebda żblokk dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| **07.** | **10.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 10. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 10. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 07/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 10. | 3 | *Petty Cash* - Ġunju 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €73.47 | Segretarju Eżekuttiv |

**07 11 Mozzjonijiet; u**

| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 11 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**07 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

(Iffirmata)
Maria Dolores Abela
Sindku

(Iffirmata)
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv